**MALTA**

**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT Dr IAN FARRUGIA LL.D**

**Illum 10 ta` Dicembru 2015**

**IL-PULIZIJA**
**(Spettur Luke Bonello)**

**Vs**

**MARIO VELLA**

**KUMP NRU 688/2012**

**IL-QORTI**;

Rat li l-imputat**, MARIO VELLA** detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 544558(M), gie akkuzat talli nhar is-26 ta' Marzu 2012 ghall-habta tal-11:30am gewwa San Gwann;

1. Ikkommettejt attentat vjolenti ghall-pudur ta' Margaret Lilian Muscat ta' 31 sena;

2. U aktar talli fl-istess lok, hin u cirkostanzi, ikkagunajt griehi ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Margaret Lilian Muscat.

Il-Qorti hija gentilment mitluba li tohrog ordni ta' protezzjoini ai termini tal-Artikolu 412(C) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta kemm waqt il-mori tal-kawza kif ukoll f'kaz ta' htija ma kull piena li l-Onorabbli Qorti jidrilha xierqa.

F'kaz ta' htija l-Qorti hija mitluba biex tipprovdi ghas-sigurta ta' Margaret Lilian Muscat u l-familja taghha ai termini tal-Artikolu 383 et sequitur, tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens ta` l-Avukat Generali tat-2 ta` Lulju 2012 sabiex din il-kawza titmexxa bil-procedura sommarja (ara folio 2);

Rat l-atti u d-dokumenti;

Semghet u qieset id-depozizzjonijiet tax-xhieda mressqa;

Semghet it-trattazzjonijiet finali tal-partijiet;

**Ikkunsidrat**;

Brevement, il-fatti li taw lok ghall-proceduri odjerni kienu s-segwenti. Nhar is-26 ta` Marzu 2012, ghall-habta ta` xi 11.30am, gewwa Triq Alessju Xuereb, San Gwann, Margaret Lilian Muscat, ta` 31 sena kienet miexja ma binha ta` 4 snin Adam Muscat, fi triqitha biex taghmel xi xiri. Malli qorbu lejn garaxx propjeta` ta` l-imputat, it-tifel lemah dghajsa li kienet fuq barra ta` l-imsemmi garaxx, u mill-ewwel mar lejn l-imputat, li dak il-hin kien hemmhekk u l-imputat tellghu fuq l-imsemmija dghajsa. Sussegwentement, l-imputat dahhal lil minuri Adam gewwa fil-garaxx biex jurieh xi annimali jew ghasafar (barbagan). Tista tghid li l-imputat u l-imsemmija Margaret Lilian Muscat huma girien.

Ftit tal-hin wara, Margaret Lilian Muscat dahlet fil-garaxx biex tiehu t-tifel sabiex tibqa sejra fi triqitha. Allegatament, waqt li hija ppruvat tiehu t-tifel, l-imputat rassha f'rokna mal-hajt, dahhal idejh taht hwejjigha, beda jmissilha sidirha u pprova jbusha. Hija harget minnufih mill-garaxx; izda regghet dahlet lura biex iggib it-tifel. Hadet it-tifel u telqet minn fuq il-post.

Sussegwentement, wara li tkellmet ma ommha, Margaret Lilian Muscat ghamlet rapport lill-pulizija tlett ijiem wara l-allegat incident. Fuq tali rapport u wara l-investigazzjoni relattiva, l-pulizija akkuzat lill-imputat bir-reati addebitati.

**Ikkunsidrat**;

Illi l-fatti hawn fuq gia esposti huma l-allegazzjonijiet ta` Margaret Lilian Muscat maghmulha fil-konfront ta` l-imputat. In sostenn ta` dawk l-allegazzjonijiet, saret ukoll il-prova tal-griehi sofferti minnha waqt l-allegat incident u cioe` "***tbengila fuq is-sider tal-lemin u ohra fuq is-sider tax-xellug ta` daqs 2cm***" (ara certifikat mediku *a folio* 18). Dwar dawn il-feriti ta` natura hafifa xehed ukoll t-Tabib Chris Mercieca (ara *folio* 56 *et seq*).

Tela jixhed ukoll Dr. Peter Muscat, tabib psikjatra kuranti (ara *folio* 40 *et seq*) ta` Margaret Lilian Muscat. Gie maghruf illi hija kienet marret ghandu fis-sena 2009 minhabba dipressjoni meta kellha l-problemi fis-separazzjoni. Huwa nnota wkoll li kellha sitwazzjoni xi ftit diffikultuza peress illi kienet twieldet b'***erb-duchenne palsy*** – fi kliem iehor kellha idha pparalizzata. Kienet tbaghti wkoll minn ***epilepsy***. Minn dan iz-zwieg li ma rnexxiex, hija kellha tifel li kien ibghati mill-awtizmu. It-tifel l-iehor Adam, iz-zghir, huwa wild minn relazzjoni ohra sussegwenti ghas-separazzjoni msemmija. Taht l-istruzzjonijiet tat-tabib psikjatra, Margaret Lilian Muscat kienet tiehu xi kura. Jixhed li kienet kellmitu wkoll dwar it-trawma sussegwenti ghall-incident mertu ta` din il-kawza. In kontro-ezami, t-tabib psikjatra jixhed illi ma kkonstatax deluzjionijiet jew elementi ta` paranoia fil-pazjenta tieghu. It-tema principali kienet id-dipressjoni. Dan hu in succinct dak li hareg mid-depozizzjoni tax-xhud Peter Muscat, tabib psikjatra kuranti ta` Margaret Lilian Muscat.

**Ikkunsidrat**;

Illi mbaghad, fil-process, wiehed isib il-verzjoni ta` l-imputat u tax-xhieda mressqa, Ludwig Vella iben l-imputat, u Andrew Galea, habib ta` l-imsemmi Ludwig Vella.

L-imputat jghid, *inter alia*, '*jien ma nafhiex li hi xi mara hazina ... nafha ghax girien hu, trabbiet mat-tfal taghna. Infatti dejjem mat-tifla tieghi kienet qabel ma gara dan il-kaz.'* Ikompli jispjega illi dakinhar ta` l-allegat incident, veru li tellgha lil minuri Adam Muscat fuq id-daghjsa u li mbaghad dahhlu fil-garaxx biex jurieh il-barbagan. Jghid li f'daqqa wahda hass lil xi hadd warajh, u kif dar, sab lil Margaret Lilian Muscat,

donnha misset mieghu, u huwa lanqas felah ikellimha, u mill-ewwel ghamlilha sinjal biex titlaq. Hawnhekk hija qaltlu '*kemm nixtieq insib ragel ihobb lili u lill-uliedi*'.

L-imputat, kemm fl-istqarrija li rrilaxxja lill-pulizija kif ukoll fid-depozizzjoni tieghu quddiem din il-Qorti, dejjem cahad li missha lil Margaret Lilian Muscat. U ma setghax jemmen li ghamlitlu dawn l-affarijiet.

Ix-xhud Ludwig Vella, iben l-imputat, jixhed, *inter alia*, '*kont jien u habib tieghi ghax wassalni hu ghax il-karozza tieghi kienet qeghda mad-dghajsa u wasalt u giet titkellem maghna li ma tistax issib ragel kif taghmel normalment ghax din dejjem hekk sejra. ... dina normalment tigi hdejna ticcajta. .... l-unika haga li semmiet hi li ma tistax issib ragel bhalna ghax hekk tghid hi. .....*'.

**Ikkunsidrat**;

Jidher car li ma hemmx kontestazjoni li dakinhar tas-26 ta` Marzu 2012, ghall-habta tal-11.30am, Margaret Lilian Muscat dahlet fil-garaxx fejn kien hemm binha flimkien ma l-imputat.

Lanqas ma hemm kontestazzjoni (jidher almenu, anke jekk ghal ftit sekondi), illi fid-data, hin u lok in kwistjoni, kien hemm xi ftit kuntatt bejn l-imputat u Margaret Lilian Muscat. Fejn ma jaqblux il-protagonisti, hu dwar id-dettal importanti. Jew kien hemm avvanz, jew tentattiv ta` avvanz minn naha ta` Margaret Lilian Mucat fuq l-imputat; jew kien hemm avvanz minn naha ta` l-imputat fuq Margaret Lilian Muscat.

Din il-Qorti qieset ic-cirkostanzi u hasbet fit-tul dwar dak li allegatament gara fid-data, lok u hin in kwistjoni.

Il-verzjoni ta` Margaret Lilian Muscat hija korroborata mir-rizultanzi fizici li gew ikkonstatati fuq gisimha (feriti hfief fuq sidirha).

Il-verzjoni ta` l-imputat hija wahda, fil-fehema ta` din il-Qorti, konvenjenti izda wkoll, verzjoni li ma ssegwix u konfliggenti fis-sustanza. Ghall-konvenjenza, ried jaghti l-impressjoni li Margaret Lilian Muscat hija mara li mohha biex issib u tfittex ragel (biex jipprova jiggustifika l-kuntatt li sehh). Izda mbaghad jghid ukoll – biex la jinten u

lanqas ifuh – li lil Margaret Lilian Muscat ma jafhiex bhala li hi xi mara hazina. U l-verzjoni ta` ibnu Ludwig Vella, tant taghmel enfasi fuq il-fatt li Margaret Lilian Muscat hija mara mxennqa ghal ragel, li ghal din il-Qorti ghandha titqies bhala verzjoni bla ebda valur probatorju u inghata biss bhala sforz kbir – izda certament fjakk – biex tigi korroborata l-verzjoni ta` l-imputat – verzjoni li hija inverosimili u konsegwentement insostenibbli f'ghajnejn il-ligi.

Fil-fehema ta` din il-Qorti, ghar-ragunijiet fuq esposti, u fid-dawl tar-rizultanzi processwali, il-prosekuzzjoni rnexxielha tipprova l-kaz taghha minghajr ebda dubbju dettat mir-raguni. Jirrizulta attentat vjolenti ghall-pudur ta` Margaret Lilian Muscat, apparti feriti hfief fuqha.

**Ikkunsidrat**;

Dwar il-piena, ftit hemm x'jinghad. Dan hu kaz u atteggjament li jimmerita li jigi kolpit bil-karcerazzjoni. L-imputat ipprova jaghmel avvanz u gietu hazina. U ipprova jaghmel avvanz fuq il-vulnerabilita`. Margaret Lilian Muscat, la darba kif qal huwa stess, trabbiet ma uliedu u ma bintu, kellha tistenna protezzjoni u rispett, u mhux attegjament fejn persuna tazzarda tiehu vantagg minn persuna dghajfa u vulnerabbli.

Izda din il-Qorti thoss illi tista ssir gustizzja biss jekk tinzamm il-perspettiva vera tal-kaz li jkollha quddiemha u li ssir b'doza, anki jekk zghira, ta` hniena umana. Il-bniedem, jista, f'certu cirkostanzi, jsir dghajjef, u allura jista jizbalja. L-imputat zbalja u zbalja bil-kbir. U ser jinghata piena li mhux biss hija entro l-parametri tal-ligi, u li tista tinghata skond il-ligi, izda hija piena tali li ser iggaghlu jibza u ggaghlu jahsibha darbtejn jekk mhux mitt darba, jekk xi darba jahseb biex jaghmel xi haga kontra l-ligi. Din hija opportunita` li l-imputat ma ghandux jarmi.

Dan kollu din il-Qorti qed tikkonsidrah fid-dawl ta` numru ta` cirkostanzi rizultanti, u cioe`, il-fedina penali tajba ta` l-imputat, l-eta` tieghu u l-kundizzjoni ta` sahhtu, u fuq kollox martu li din il-Qorti qed izzommha f'mohha fil-kontemplazzjoni tal-piena.

Il-Qorti hi tal-fehema li l-aktar sanzjoni indikata ghal din il-kawza hija dik ikkontemplata taht l-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta.

**Konkluzjoni;**

**Ghal dawn il-motivi din il-Qorti, wara li rat l-Artikoli 17, 31, 207, 214, 221(1) u 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta, issib u tiddikjara lil Mario Vella hati ta` l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u konsegwentement tikkundannah ghal piena ta` prigunerija ghal zmien disa (9) xhur izda, bis-sahha tal-Artikolu 28A tal-Kap 9, tordna li s-sentenza ma tidholx fis-sehh hlief jekk, matul il-perjodu ta` tlett (3) snin mill-lum, il-hati jikkommetti reat iehor li ghalieh hemm piena ta` prigunerija.**

Skond l-Artikolu 28A(4) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti spjegat lill-hati, fi kliem car u li jinftiehem, ir-responsabbiltajiet tieghu taht l-Artikolu 28B jekk huwa jikkommetti, matul il-perjodu operattiv, reat li ghalih hemm piena ta` prigunerija.

In oltre, peress illi jidhrilha li huwa xieraq, biex tipprovdi ghas-sigurta` ta` Margaret Lilian Muscat, l-Qorti qed torbot lill-hati b'obbligazzjoni tieghu nnifsu taht penali ta` elf Euro (€1000) ghal zmien tnax-il xahar mill-llum, u dana ai termini ta` l-Artikolu 383 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta` Malta.

Dr Ian Farrugia LLD
Magistrat

Marica Mifsud
Deputat Registratur